MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2010

Numru. 1081/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Arthur Mercieca**

**vs**

**Maria Theresa Cassar**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Maria Theresa Cassar detentrici tal-karta tal-identita` numru 246463(M).

Akkuzata talli fil-5 ta' Marzu 2009 ghal habta ta' 22:30hrs fi Triq Tal-Barrani, Zejtun waqt li kienet qed issuq vettura EBG 195:

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunat offizi ta' natura gravi u perdurata fuq il-persuni ta' Emanuel Cassar skond kif iccertifika Dr. J.Joslin MD reg. 1920 mill-isptar Mater Dei,

kif ukoll fuq il-persuna ta' Katienne Vassallo kif iccertifika Dr. M.Spiteri MD reg. no. 2666 mill-isptar Mater Dei u dan bi ksur ta' Artikolu 226(a) ta' Kap. 9 tal-Lijigiet ta' Malta;

2. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkagunat xi hsara jew hassret jew gharrqet xi haga u cioe` vettura JPA 101 ghad-dannu ta' Giuseppe Abela, u dan bi ksur ta' Artikolu 328 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

3. Saqet il-vettura EBG 195 b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluza.

Rat id-dokumenti:

Semghat il-provi;

Rat l-Artikoli indikati; u cioe`l-Artikoli 226(a) u 328 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni tal-imputata ghall-ewwel, t-tieni u t-tielet akkuzi salv dik li saqet perikoluz u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghatat iz-zmien opportun sabiex tkun tista' tirregola ruhha, qeghda issib lill-imputata Maria Theresa Cassar hatja ta' dawn l-akkuzi u tikkundannaha sitt (6) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal zmien sena kif ukoll qed tissospendi l-licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur liema zmien ghandu jiddekorri minn nofs il-lejl tallum, filwaqt li tilliberaha mill-akkuza li saqet perikoluz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------